MINUTI

KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ

IS-SITT LEĠISLATURA

LAQGĦA NUMRU SEBGĦA

17 ta' Ottubru, 2008

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqghu fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.15 ta' filgħaxija.

PREŻENTI

Is-Sindku Silvio Izzi Savona, l-Viċi Sindku Charmaine Grech u l-Kunsiliera Mario Ellul, Joseph D'Amato, Claudio Zammit, u Dino Bonnici, Raymond Grixti u Kenneth Farrugia.

UFFIĊJAL PREŻENTI

Is-Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud.

SKUŻAT

Il-Kunsillier Mauro Pace Parascandalo.

MINUTI

Is-Sindku Silvio Izzi Savona ppresjeda.

7.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

7.1.1 Il-Kunsillier Raymond Grixti għamel stqarrija dwar minuta 6.1.3 fejn qal li hu mhux vera li kien ħareġ mill-kamra kif

kien irraportat fil-minuti iżda biss li niżel fis-sular t'isfel sabiex flimkien mal-Kunsillier Farrugia iġibu flixkun luminata.

7.1.2 Il-Kunsillier Grixti stqarr ukoll li dlonk li ser isiru dawn l-interventi fil-minuti għandu wkoll jitniżżel kull meta xi ħadd iqum min fuq il-mejda.

7.1.3 Is-Segretarju Eżekuttiv filwaqt li tenna li hi proċedura normali li meta membru jew uffiċjal tal-Kunsill jiddikjara li se joħrog mill-kamra, hekk jiġi mniżżel fil-minuti, jiftakar tajjeb li kemm hu kif ukoll il-Kunsillier Farrugia kienu ħarġu mill-kamra bi protesta għal *ruling* li kien ta s-Sindku meta ħalla lil Kunsillier Mario Ellul jitkellem fil-bidu tas-seduta.

7.1.4 Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qabel ma dak li qal il-Kunsillier Grixti.

7.1.5 Il-Kunsillier Mario Ellul saħaq li kien minnhu li l-Kunsilliera Grixti u Farrugia telqu mil-laqgħa, tant li hu kien talab lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali jinvestiga l-każ dwar allegazzjonijiet li saru fuqu.

7.1.6 Il-Kunsillier Raymond Grixti ressaq din l-emenda:

*7.1.7 "Il-Kunsill jaqbel li minuta 6.1.3 kif ukoll 6.1.6 jiġi mħassra mill-minuti oriġinali."*

7.1.8 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Kenneth Farrugia u għaddiet b'ħames voti favur, tnejn kontra u astenzjoni.

7.1.9 Wara talba għal *division* tal-vot, irriżulta li l-voti favur kienu tas-Sindku u l-Kunsilliera Raymond Grixti, Kenneth Farrugia, Joseph D'Amato u Claudio Zammit, il-voti kontra kienu tal-Kunsilliera Mario Ellul u Dino Bonnici filwaqt li l-astenzjoni kienet tal-Viċi Sindku.

7.1.10 Is-Sindku ressaq din il-kjarifika dwar minuta 6.1.23, li hi emenda li kienet approvata unanimament fil-laqgħa preċedenti.

7.1.11 Is-Sindku ddikjara u qal: *"Dak il-ħin ċħadt illi jien kont tajt xi ordni kontra għal dak li kien għadda il-Kunsill lil Pulizija dwar l-istalls tal-festa l-Ġimgħa, s-Sibt u l-Ħadd, tant lil Dwardu D'Amato wara l-paniġirku tal-festa għidtlu biex ma jagħtux ordnijiet kontra dawk li talbuna".*

7.1.12 Dwar dan, l-Kunsillier Mario Ellul saħaq li peress li kien hu li għamel l-emenda, u fid-dawl ta' dak li qal is-Sindku se jagħmel din il-kjarifika.

7.1.13 Il-Kunsillier Mario Ellul ddikjara u qal: *"Jien għamilt dik id-dikjarazzjoni dakinhar għaliex f'Seduta tal-Kunsill ta' qabel ma ħriġniex permess sabiex jintramaw siġġijiet taħt in-nar tal-art u lanqas vannijiet tal-ġelat. Xorta dakinhar ġew armati u l-indikazzjoni li ngħatajt jien kienet illi dan rama bil-permess tas-Sindku wara li kien ftiehem mas-Soċjeta. Inkompli nsostni li s-Sindku ġieli ta ordnijiet kontra dak illi jingħad fis-seduta fejn ħa nsemmi każ ieħor fil-festa ta' Santa Katarina, fejn gabbana tal-ġelat wara li ma nħarġilix permess biex tarma fi Pjazza Mattia Preti kitbet lil Kunsill bl-avukat u s-Sindku ħareġ hu l-permess, hu personali mingħajr ma kkonsulta waqt seduta tal-Kunsill, u cioe kontra dak li kien deċiż f'seduti preċedenti. Dan nissostanzjah bid-dokumenti li jinsabu fil-pussess tiegħi u fil-files tal-Kunsill."*

7.1.14 Is-Sindku ċaħad li hu ta xi permess fil-festa ta' Santa Katarina.

7.1.15 Wara nsistenza, is-Sindku qabel li tinġieb l-ittra inkwistjoni.

7.1.16 L-ittra, li ggib ir-referenza 32/08/8fb, giet moqrija mis-Sindku u kienet tagħti permess lis-Sur Charles Vella sabiex jarma l-vann tal-ġelat matul il-ġranet kollha tal-festa ta' Santa Katarina.

7.1.17 Il-Kunsillier Claudio Zammit ressaq din l-emenda:

*7.1.18* *"Il-Kunsill jabqel li f'minuta 6.1.35 jitneħħew il-kliem minn "semma" sa "informazzjoni" u minflok jidħlu dawn il-kliem "Il-Kunsillier Zammit min-naħa tiegħu qal li din l-email fil-fatt batha lil Kunsill, fejn is-Segretarju Eżekuttiv qallu li ma daħlitx fil-mailbox tal-Kunsill tant li ma kinitx fil-lista tal-korrispondenza, u għaldaqstant seta kien malintizz tekonoloġiku."*

7.1.19 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Raymond Grixti u għaddiet b'ħames voti favur, 2 kontra u astenzjoni.

7.1.20 Wara talba għal *division*, irriżulta li l-voti favur kienu tas-Sindku u l-Kunsilliera Raymond Grixti, Kenneth Farrugia, Joseph D'Amato u Claudio Zammit, il-voti kontra kienu tal-Kunsilliera Mario Ellul u Dino Bonnici filwaqt li l-astenzjoni kienet tal-Viċi Sindku.

7.1.21 Il-Kunsill Claudio Zammit ressaq din l-emenda:

*7.1.22* *"Il-Kunsill jaqbel li wara l-aħħar kelma ta' minuta 6.2.4 jidħlu dawn il-kliem "u dan wara talba għal investigazzjoni li kienet saret aktar qabel."*

7.1.23 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Raymond Grixti u għaddiet b'ħames voti favur, 2 kontra u astenzjoni.

7.1.24 Wara talba għal *division*, irriżulta li l-voti favur kienu tas-Sindku u l-Kunsilliera Raymond Grixti, Kenneth Farrugia, Joseph D'Amato u Claudio Zammit, il-voti kontra kienu tal-Kunsilliera Mario Ellul u Dino Bonnici filwaqt li l-astenzjoni kienet tal-Viċi Sindku.

7.1.25 Il-Kunsillier Dino Bonnici ressaq din l-emenda:

*7.1.26* *"Il-Kunsill jaqbel li bejn minuta 6.10.5 u 6.10.6 jidħlu l-kliem "Il-Kunsillier Mario Ellul daħal lura għal laqgħa."*

7.1.27 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Mario Ellul u għaddiet unanimament.

7.1.28 Il-Kunsillier Joseph D'Amato ressaq din il-mozzjoni:

*7.1.29* *"Il-Kunsill japprova l-Minuti ta' seduta numru sitta, kif emendati."*

7.1.30 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Raymond Grixti u approvata unanimament.

7.1.31 Wara li l-Kunsill kien infurmat li saret it-talba għal diversi *sleeping policeman*, kien hemm qbil li l-ADT tiġi mitluba tagħti l-verżjoni tagħha dwar jekk il-materjal użat għal dan ix-xogħol huwiex skond il-Liġi.

7.1.32 Dwar minuta 6.9.4, il-Kunsill kien infurmat li l-imsemmija *bins* kienu ġew mixtrija.

7.1.33 Saret ukoll diskussjoni dwar bank li kellu jsir fi Triq Burlanġasa u ieħor fi Triq il-Qrendi, fejn kien hemm qbil li ssir spezzjoni fuq il-post sabiex tkun tista ssir rakkomandazzjoni lil Kunsill.

7.1.34 Dwar minuta 6.9.3 u minuta 6.9.10, il-Kunsill kien mgħarraf b'rapporti mħejjija mill-Perit tiegħu dwar rampa għal persuni b'diżabilita fi Triq PP Saydon, ma tax ir-rakkomandazzjoni tiegħu li ssir minħabba raġunijiet ta' sigurta għal persuni li jużawha filwaqt li kien ippropona li ssir rampa inqas nklinata f'tarf Sqaq il-Ħelu kif ukoll li l-ewwel parti tal-isqaq issir bil-*paving blocks* u mhux biż-żonqor, fejn il-Kunsill qabel mar-rakomandazzjonijet tal-Perit.

7.1.35 Mistoqsi dwar *item 6.5*, is-Sindku qal li l-Bord tal-Għażla ma ltaqax minħabba r-riżenja tas-Segretarju Eżekuttiv.

7.1.36 Is-Segretarju Eżekuttiv għamel kjarifika li hu għadu fil-kariga u ma kien hemm l-ebda problema biex jiltaqa l-Bord, tant li kien ilu mill-ewwel ġurnata xogħol wara l-ħatra tal-Bord li ta struzzjonijiet lil Uffiċjal Prinċipal Ewlieni sabiex tistaqsi lis-Sindku meta se jsejjaħ laqgħa tal-Bord, fejn qatt ma kienet mogħtija data lilha.

7.1.37 Fuq proposta tal-Kunsillier Mario Ellul, il-Kunsill unanimament qabel li tiġi mibdula l-ordni tal-ġurnata u jiġi diskuss issa *item* numru 10 tal-aġenda.

**7.10 Mozzjonijiet: Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv**

7.10.1 Is-Sindku ppreżenta l-ewwel mozzjoni , u li tinsab anessa ma' dawn il-minuti bħala dokument "7A", liema mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Kenneth Farrugia.

7.10.2 Is-Sindku ntroduċa l-mozzjoni billi semma li kien inħass li għandha tiġi appuntata persuna mill-*istaff* sabiex isservi ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv, u dan peress li kien tefa r-riżenja tiegħu s-Segretarju Eżekuttiv u dan ukoll sabiex ikun hemm xi ħadd li jieħu l-funzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv meta jkun hemm il-ħtieġa.

7.10.3 F'dan l-istadju, s-Segretarju Eżekuttiv għamel intervent sabiex jinforma lil Kunsill b'informazzjoni dwar din il-mozzjoni.

7.10.4 Is-Sindku qabel ma dan.

7.10.5 Is-Segretarju Eżekuttiv semma li hu ma jistgħax jifhem għalfejn ma kienx ikkonsultat dwar din il-mozzjoni u f'dan ir-rispett għamel referenza għal artiklu 50 tal-Liġi dwar il-Kunsilli Lokali, li minnha hu miġbur it-test tal-mozzojni.

7.10.6 Hu semma li mit-test tal-mozzjoni hemm nieqsa sentenza illi tgħid li d-Deputat Segretarju Eżekuttiv jista jaġixxi biss meta s-Segretarju Eżekuttiv jinforma bil-miktub li ma jistax jaġixxi, u ta l-parir tiegħu li dan it-test jiġi nkluż sabiex il-mozzjoni tkun skond il-Liġi, għax jista jagħti l-każ li l-mozzjoni tkun invalida, kif ukoll li l-ħatra hi valida għal 90 ġurnata.

7.10.7 Semma wkoll li ma jisgħax jifhem il-ħtieġa li jiġi appuntat Deputat wara li matul l-għaxar snin li ilu jservi lil Kunsill dan qatt ma seħħ, u tenna li hu kien lest li jkompli jagħti s-servizz tiegħu, anke senza interessi, sabiex ikun hemm *handover* waħda lis-Segretarju Eżekuttiv ġdid li jiġi appuntat

mill-Kunsill, fejn anke jiġu ffrankati mijiet ta' *euros* sabiex isir *interim audit* kif titlob il-Liġi, liema *interim audit* irid jerġa jsir fi tmiem il-ħatra tad-Deputat.

7.10.8 Ipproduċa wkoll ittra mingħand l-*employer* il-ġdid tiegħu li kien offra li jkun hemm transazzjoni feliċi fil-Kunsill u li kien lest jistenna sakemm is-Segretarju Eżekuttiv ikun temm il-proċess ta' *handover* fl-amministrazzjoni mal-Kunsill taż-Żurrieq.

7.10.9 Is-Segretarju Ezekuttiv semma wkoll li skond it-tieni mozzjoni l-kariga ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv qed tiġi offruta lil Uffiċjal Prinċipal Ewlieni tal-Kunsill u li fl-opinjoni tiegħu ser tiżdied il-problema akuta ta' riżorsi umani bil-ħatra, u dan billi xogħol ta' żewġ persuni se jkun irid isir minn waħda.

7.10.10 Fi tmiem l-ispjegazzjoni tiegħu, s-Segretarju Eżekuttiv saħaq li l-Kunsill għandu żewġ toroq quddiemu, dik li jkompli għaddej kollox kif inhu sakemm jiġi maħtur Segretarju Eżekuttiv ġdid, jew inkella jirrikori għal ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv u li dan ifisser li hu għandu jtemm l-impjieg tiegħu hekk kif jingħata struzzjonijiet mid-Dipartiment.

7.10.11 Mistoqsi mill-Kunsillier Raymond Grixti dwar t-terminu ta' *notice*, s-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għad ma kellux risposta uffiċċjali mid-Dipartiment, imma l-iktar li din tista tieħu hi tlett xhur mid-data tar-riżenja u li minnha jrid jitnaqqas il-*leave* akkumulat u li ma kienx ittieħed fil-passat.

7.10.12 Il-laqgħa ġiet sospiża peress li s-Segretarju Eżekuttiv avża li ser iħalli l-kamra. (8.00pm sa 8.10pm)

7.10.13 Il-Kunsillier Mario Ellul għamel intervent fejn apparti l-punti tekniċi u legali dwar artiklu 50 tal-Liġi, hu talab li l-Kunsill jikkunsidra li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jibqa għaddej bil-ħidma tiegħu sabiex ikun hemm stabilita amministrattiva ikbar.

7.10.14 Wara diskussjoni dwar il-punti mressqa, s-Sindku qal li d-dibattitu dwar il-mozzjoni kien eżawrit u għalaq id-diskussjoni billi sejjaħ il-vot tal-Kunsill.

7.10.15 Il-mozzjoni għaddiet kif imressqa b'ħames voti favur, żewġ voti kontra u astenzjoni waħda.

7.10.16 Wara talba għal *division*, irrizulta li l-voti favur kienu tas-Sindku u l-Kunsilliera Raymond Grixti, Kenneth Farrugia, Joseph D'Amato u Claudio Zammit, il-voti kontra kienu tal-Kunsilliera Mario Ellul u Dino Bonnici filwaqt li l-astenzjoni kienet tal-Viċi Sindku.

7.10.17 Is-Sindku ressaq it-tieni mozzjoni li kienet issekondata mill-Kunsillier Kenneth Farrugia u li tinsab anessa ma' dawn il-minuti bħala dokument "7B".

7.10.18 Is-Sindku ressaq il-mozzjoni għal votazzjoni.

7.10.19 Il-mozzjoni għaddiet kif imressqha b'ħames voti favur, żewġ voti kontra u astenzjoni waħda.

7.10.20 Wara talba għal *division*, irriżulta li l-voti favur kienu tas-Sindku u l-Kunsilliera Raymond Grixti, Kenneth Farrugia, Joseph D'Amato u Claudio Zammit, il-voti kontra kien tal-Kunsillier Mario Ellul filwaqt li l-astenzjonijiet kienu tal-Viċi Sindku u l-Kunsillier Dino Bonnici.

**7.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

7.2.1 Il-Kunsill innota r-rapport tal-korrispondenza mibgħuta u riċevuta sat-13 ta' Ottubru, 2008 u li kopja tiegħu hi anessa bħala dokumenti "7C" ma' dawn il-minuti.

7.2.2 Il-Kunsill qabel li jiltaqa maż-*Żurrieq FC* wara ittra li kienet ppreżentata minnnhom lis-Sindku dwar il-kumpless sportiv.

7.2.3 Il-Kunsill qabel li jikkunsidra li jagħmel *bust* lil Dun Mikiel D'Amato.

7.2.4 Il-Kunsill qabel li petizzjoni mibgħuta lil Kunsill mill-Onorevoli Joseph Sammut dwar Triq GM Borg, tiġi mibgħuta lil ADT.

7.2.5 Il-Kunsill kien infurmat li l-Avukat Toni Abela kien informa lis-Segretarju Eżekuttiv li kien qed jirrizenja mill-kariga.

7.2.6 Saret diskussjoni dwar il-ħtieġa jew le li tinħareġ sejħa għall-offerti iżda ma kienx hemm qbil peress li l-Kunsill ħass li jkun iktar validu u ekonomiku li jingaġġa avukat meta jkun hemm il-ħtieġa.

7.2.7 F'dan l-istadju l-Kunsillier Claudio Zammit avża li se jagħmel stqarrija dwar allegazzjonijiet li saru fil-konfront tiegħu fil-gazzetti, fejn kien hemm qbil li jiġi pprovdut test bil-miktub lis-Segretarju Eżekuttiv, li hu dan li gej:

*7.2.8* *"B'referenza għal ċerti artikoli stampati fil-gażżetti lokali riċentement, dwar allegat kunflitt ta' interess tiegħu, il-Kunsillier Claudio Zammit qal illi l-kontenut tal-mozzjoni minnu mressqa fil-laqgħa tad-19 ta' Mejju 2008, dwar servizzi legali, kienet intiża biss sabiex tikkontrolla l-ispejjeż tal-kunsill; għaliex kieku jiġi ingaġġat avukat bi ħlas ta' retainer, dan ikollu jitħallas somma regolari fix-xahar, kemm jekk ikun hemm xogħol, u kemm jekk ma jkunx hemm. Huwa għalhekk li għandu jiġi ingaġġat avukat biss meta jkun hemm il-ħtieġa. Illi għalhekk din il-mozzjoni fl-ebda każ ma kienet intiża biex jiġi aġevolat xi avukat partikolari, iżda biss sabiex trażżan in-nefqa tal-Kunsill."*

7.2.9 Il-Kunsill kien ukoll infurmat illi r-rapporti pendenti dwar il-proġetti ta' finanzjament mill-Unjoni Ewropea kienu ġew sottomessi fiż-żmien mill-Kunsillier Claudio Zammit f'isem il-Kunsill.

## 7.3 Tweġiba għal Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

7.3.1 Is-Sindku għarraf li l-mistoqsijiet li kienu sarulu mill-Kunsillier Mario Ellul kien bagħat ir-risposta tagħhom lid-Direttur tal-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

7.3.2 Il-Kunsillier Mario Ellul talab li skond ma titlob il-Ligi ir-risposta għal mistoqsijiet li għamel jiġu mogħtija fis-seduta tal-Kunsill.

7.3.3 Kien hemm qbil li dan isir fis-seduta li jmiss.

**7.4 Approvazzjoni: Risposta tal-Kunsill ghal Ittra tal-Awdituri Lokali**

7.4.1 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ippreżentaw ir-risposta tal-Kunsill għall-Ittra ta' Direzzjoni tal-Awdituri Lokali, li hi anessa bħala dokument "7Ca" ma' dawn il-Minuti.

7.4.2 Ir-risposta kienet approvata unanimament mill-Kunsill.

**7.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Pjan ta' Ħidma ta' Tlett Snin**

7.5.1 Is-Segretarju Eżekuttivi ppreżenta r-Rapport Amministrattiv kif ukoll il-Pjan ta' Ħidma ta' Tlett Snin li jinsabu anessi bħala dokumenti "7D" u "7E" rispettivament.

7.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lil Kunsill li kien qed jippreżenta wkoll ir-Rapport Amministrattiv taħt dan l-*item* peress li kien lest u għalhekk kien qed jitlob l-approvazzjoni tiegħu.

7.5.3 Wara diskussjoni dwar il-kontenut tar-Rapport Amministrattiv, il-Kunsill unanimament approva r-Rapport kif imressaq.

7.5.4 Il-Kunsill wara iddiskuta l-Pjan ta' Ħidma, li kien ukoll approvat unanimament, sar qbil li jekk il-Kunsilliera jkollhom xi ħsibijiet tax-xogħlijiet li jridu jitwettqu, u li huma taħt ir-responsabilitajiet tagħhom, jressquhom sabiex ir-rapport jiġi ffinalizat fid-dettalji tiegħu.

**7.6 Proposti ta' Korsijiet tal-Kompjuter mill-Viċi Sindku**

7.6.1 Il-Kunsill, wara diskussjoni, unanimament approva żewġ proposti mressqa mill-Viċi Sindku sabiex isiru korsijiet tal-kompjuter issusidjati mill-Kunsill lil komunita.

7.6.2 Dawn il-korsijiet se jsiru mal-kumpanija TCTC u jiffukaw fuq it-taħriġ fl-informazzjoni teknoloġika għat-tfal kif ukoll taħriġ akkademiku ieħor.

**7.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Arblu tal-Lokalita**

7.7.1 Il-Kunsill iddiskuta s-sitwazzjoni li nħolqot wara li sar ċaqliq fl-arblu tal-lokalita.

7.7.2 Kien hemm qbil li ser isir sforz sabiex tiġi rranġata is-sitwazzjoni li nħolqot, tiġi rimedjata.

**7.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Xogħlijiet u Servizzi**

7.8.1 Il-Kunsill qabel li fil-21 ta' Novembru ssir attivita msejħa *"German Open Day"* li se tiffoka dwar il-ġemellaġġ tal-Kunsill ma' Angermunde kif ukoll aspetti oħra reġjonali ta' din il-lokalita.

7.8.2 Il-Kunsill kien infurmat bil-proċess li bih ġew magħżula ż-żewġ parteċipanti għal proġett b'finanzjament tal-Unjoni Ewropeja, fejn kien ippreżentat ukoll rapport tal-Bord tal-Għażla. (ir-rapport mhux mehmuż mal-minuti minħabba l-Liġi dwar il-protezzjoni tad-data)

7.8.3 Il-Kunsill approva l-ħatra tas-Sotto Kumitat Infrastruttura, Proġetti u Ġonna Pubblici li ser ikollu lil Kunsillier Joseph D'Amato bħala *Chairman* u lis-Sinjuri Emanuel Fino, Joseph Farrugia u Carmel Mangion bħala Membri.

7.8.4 Il-Kunsill approva l-ħatra tal-Kumitat ta' Bubaqra li ser ikollu lil Kunsillier Joseph D'Amato bhala Chairman u lis-Sinjuri

Michael Caruana, Tony Cardona u Kevin Farrugia bħala Membri.

**7.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

7.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-iskedi ta' pagamenti (anessi bħala dokumenti '7F' u '7G'), l-kont tal-*Petty Cash* għax-xahar ta' Settembru, 2008 (aness bħala dokument '7H'), ħlas għal *overtime* tal-impjegati għal Settembru (anness bħala dokument '7I') u talbiet għal ħlas lura ta' spejjeż magħmula f'isem il-Kunsill mingħand il-Kunsilliera Claudio Zammit, Raymond Grixti, Joseph D'Amato u l-ħaddiem tal-*IPSL* Martin Falzon u l-eks Kunsillier Melvyn Mangion (anessi bhala dokumenti minn '7J' sa '7M').

7.9.2 Il-Kunsillier Joseph D'Amato ressaq din il-mozzjoni:

*7.9.3 "B'riżultat tad-diskussjoni li saret il-Kunsill japprova l-iskedi ta' pagamenti għat-total ta' € 37733.87c, ħlas lura fil-kont tal-Petty Cash għall-ammont ta' € 111.47c, ħlas ta' overtime għax-xahar ta' Settembru għat-total ta' € 804.20c, ħlas lura għal spejjeż magħmula f'isem il-Kunsill lil Kunsilliera Raymond Grixti ta' € 20.00c, Claudio Zammit ta' € 10.00c, Joseph D'Amato ta' € 25.00c u l-ħaddiem tal-IPSL Martin Falzon ta' € 72.00c u lill eks Kunsillier Melvyn Mangion ta' € 75.00c"*

7.9.4 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Raymond Grixti u għaddiet unanimament.

7.9.5 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-*item* fuq l-aġenda fid-9.10 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum __ ta' Novembru, 2008

| | |
|---|---|
| Silvio Izzi Savona | Adrian Mifsud |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |